# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 21ta' Frar, 2024

Avviz tat-Talba numru: 318/2022 CL

**Sheldon Galea (KI nru: 572691M) u Emanuel Galea (KI nru: 265555M)**

**VERSUS**

**Doris Cardona (KI nru: 595240M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-7 ta' Novembru 2022, fejn l-atturi talbu lil Tribunal jiddikjara lil-konvenuta bhala debitrici u jikkundana u jordna lill-konvenuta thallas is-somma ta' erbat elf, mija u sitta u hamsin euro (€4,156) bhala bilanc dovut minn somma akbar ta' €13,976 illi d-defunta Carmen Galea, li tigi omm l-attur kienet selfet brevi manu lill-konvenuta. Illi Paul Cardona, li jigi bin il-konvenuta, wera bic-car li ma kellux l-intenzjoni li jonora l-hlas dovut ta' €4,156 oltre l-imghax bit-8% dekorribbli mis-sena 2008 sad-data tal-pagament effettiv, inkluz l-ispejjes.

Ra r-risposta ta' Doris Caruana ipprezentata fil-11 ta' Jannar 2023, fejn ikkontestaw it-talba tal-atturi li kellha tigi michuda stante li fl-ewwel lok ir-rikorrenti jridu jipprovaw l-interess taghhom f'din il-kawza u fit-tieni il-konvenuta ma hijiex debitrici tar-rikorrenti la fis-somma reklamata fit-talba u lanqas fl-ebda ammonnt iehor u dan kif ser jirrizulta mill-provi. It-talbiet huma ukoll infondato fil-fat tu fid-dritt.

Fis-6 ta' Frar 2023, giet ipprezentata nota bl-affidavit ta' Sheldon Galea iben Carmen Galea u Emanuel Galea r-ragel ta' Carmen Galea li ipprezentaw certifikat tal-mewt li turi li Carmen Galea mietet fil-31 ta' Jannar 2020. Sheldon Galea jghid illi ommu kienet selfet €13,976 lil Doris Cardona minhabba li kienet qaltilha li kellha hafna spejjez. Dan l-ammont beda jithallas lura mill-10 ta' Frar 2011 kif jidher mill-anness ktieb tal-ircevuti immarkat bhala Dok SG2, fejn hemm 61 ircevuta u kien ghamel xi pagamenti ukoll it-tifel ta' Doris Cardona, Paul Cardona, izda kien baqa' bilanc ta' €4,156. Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi l-bilancc baqa' pendenti. Hu kien ra l-karta li kien hemm bejn Doris u ommu fl-2008 meta saru jafu b'din l-istorja, izda ommu kienet refatha u qatt ma sabuha. Hu cahad illi kienu tkelmu mat-tifel ta' Doris, Paul u qalulu biex jhallas ammont u jieqfu hemm. Ipporvaw jiftehmu biex jaraw ghalfejn ma riedx jkompli jhallas ghax beda jghid illi kienu halsu kollox. Meta qal illi kien hemm zball ta'

€400, hu kien iffirma l-ahhar ircevuta ghax ra li kellu ragun fuq l-€400 ghalkemm kien hemm missieru kien qabad il-biro u iffirma hu.

Emanuel Borg ipprezenta dokumenti SG1 li juru li hu l-eredi ta' Carmen Borg u kien inghata prokura minn uliedu Sheldon, Paul u Nathalie Galea Dok EG1. Hu jghid illi l-mara kienet selfet is-somma ta' €13,976 lil Doris Cardona u beda jithallas lura mill-10 ta' Frar 2011 u hu u t-tifel tieghu bdew jigbru l-flus ftit ftit izda kien baqa' bilanc ta' €4,156. Minkejja li l-konvenuta giet interpellata biex thallas l-bilanc dan qatt ma sar. Fil-kontro ezami jghid illi hu ma jafx meta Carmen kienet selfet il-flus lil Doris, izda sar jaf fl-2008 meta mar mal-mara biex jigbed il-flus mill-bank u induna li kien hemm hafna anqas. Il-mara kienet qaltlu li kien hemm bicca karta bejna u bejn Doris u spjegatlu li kienet selfet LM6000 lil Doris, izda ma setghetx ssib il-karta.Hu kien jzomm rendikont tal-hlas u cahad illi l-mara kienet zzom rendikont fuq il-lap top ghax ma kinitx taf tuzah. Doris kienet tghadilu l-pagamenti u kien jiktibhom skond id-data dovuta b'lura. Meta kien jsib il-flus fil-*letter box* kien jmur ghand Doris biex tiffirmalu l-ircevuta. L-ewwel ircevuta hija fl-2011 u kienet tiffirma l-mara jew it-tifla izda wara kien jiehu hsieb hu u kien jiffirma hu u kien hemm xi rcevuti li iffirma Sheldon. Cahad illi fl-2021 kien kellem lil Paul u qallu tini ammont u naqtghuha. Hu fetah il-kawza biex jkomplu jhalsu ghax Paul qallu li kien hallas kollox. HU dejjem hareg ircevuti ghal hlas li kien jsir.

Xehed Paul Cardona illi ommu kienet silfet LM 3000 minn ghand Carmen Galea f'zmienijiet diversi wara l-2008. Ommu kienet thallas lil Carmen direttament u jaf zgur li anke pagament ta' LM300 kienet ghamlet, izda ma kinitx taghtiha rcevuta. Fl-2011 bdiet tiehu hsieb il-pagamenti it-tifla ta' Carmen, Nathalie Galea u ommu kienet saqsitha kif gew daqshekk minn LM3000 u Nathalie qaltilha daqshekk jigu euro, u ommu ma kinitx taf kemm jigu euro u b'hekk kienet iffirmat. L-ircevuti kienu jigi f'daqqa wara li kienu jiggieldu ghalihom, ta' sena jew sentejn qabel.Kienu jgeighlu l-ommu tiffirma fuq l-ircevuta u ma kienux jaghtuha ircevuta u jiktbu fuq l-ircevuta li giet *refused* minn ommu. Hu kien sar jaf b'dan is-self fl-2018 meta kien mar Emanuel jghidilhom li kien fadal €6000 u beda jiehu hsieb jhallas il-pagamenti ta' €150 cash fix-xahar hu, mill-2019 sa l-ewwel 4 xhur ta' 2021. Emanuel kien qallu biex jitfa' il-flus fil-*letter box* . F'April 2021 talbu l-ircevuti ta' sentejn u nofs ghax qallu li kien fadal €5000. Fil-fatt l-ircevuti juru zewg dati, id-data ta' meta ha l-pagament u data ohra fl-2018. Hu kien hallas pagamenti ta' €150 fix-xahar izda Emanuel kien tahom tmien ircevuta ta' €1000 biss ghal dan il-perjodu. Emanuel qallu li ma kienx jaf l-ammont dovut ezatt ghax kien jzomm ir-rendikont fil-lap top li ma baqax jahdem. Emanuel imbaghad qallu ejja niftehmu naghmlu karta ta' €2000 u hu wiegbu, jekk haqqek €2000 tiehodhom imma jekk ma haqqekx ma tiehodhomx. Emanuel qallu ommok ma tistax taqta' l-ammonot jekk thallas bil €50 fix-xahar. Ghalkemm mill-ircevuti jidher li ommu kienet thalsu ammonti ta' aktar minn €50. Kien hemm ukoll ircevuta ta' €1200 dan zgur ma thallasx f'xahar wiehed. Kien hemm zball ta' €400 fl-ircevuti li tnaqqas meta kien gibed l-attenzjoni lil Sheldon. Hu kien hallas €150 fix-xahar fis-sena 2019, 2020 u erba' xhur tal-2021 li jammontaw ghal €4200. Ghalkemm hu ma jafx kif l-ammont ta' LM3000 gew €14,000. Il-mama ma kinitx taf taqra u tikteb imma kienet taraf biss il-firma taghha.Ipprezenta kopji tal-ircevuti li kienu fil-pussess tieghu li gew mmarkati Dok PC1.

Xehdet Doris Cardona li kienet sselfet is-somma ta' LM3000 minn Carmen Galea.Hi kienet thallasha s-somma ta' LM100 fix-xahar ghal xi 3 jew erba' darbiet qabel ma qalbu ghal euro u Carmen ma kinitx taghtiha ircevuti. Carmen imbaghad qaltilha issa

nqabdek mat-tifla u giet bl-ircevuta u qaltilha li LM3000 jigu €14,000 u kienet heddidtha. Hi ma kinitx taf taqra u tikteb u kienet tiffirmalha. It-tifla ta' Carmen heddidtha mhux Carmen, izda qatt ma ghamlet rapport ghax il-familjari taghha ma kienux jafu li kienet sselfet il-flus. Hi gharfet il-firma taghha fuq l-ircevuti u d-dati.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

It-Tribunal jikkunsidra;

Mix-xhieda u l-provi mresqa jirrizulta illi Carmen Galea kienet selfet lil Doris Cardona xi flus qabel is-sena 2008. Gew ipprezentati numru ta' rcevuti tal-pagamentii mhalsa mis-sena 2011 sas-sena 2018 fejn jidher illi hemm bilanc pendenti ta' €4156 mill-ammont ta' €13,976. Sfortunatament ghalkemm mix-xhieda tal-atturi, jirrizulta illi kien hemm xi tip ta' karta bejn Carmen u Doris dan ma instabx u ghalhekk ma setghetx tingieb bhala prova stante li Carmen kienet mietet u il-ftehiem baqa' ma instabx. Skont l-atturi l-ammont li Carmen kienet selfet lil Doris kien ta' LM6000 filwaqt illi skond Doris l-ammont kien ta' LM3000. L-ewwel ircevuta[1] tindika l-ammont misluf bhala €13,976 li bir-rata tal-euro mal-lira maltija, taqbel mal-ammont ta' LM6000 u ghalhekk it-Tribunal huwa konvint li s-somma mislufa kienet verament fl-ammont ta' LM6000 u mhux LM3000 gialadarba dawn l-ircevuti li Doris kienet tiffirma tul is-snin baqghu dejjem juru li l-ammont misluf kien ferm aktar minn LM3000.

Il-familjari tal-konvenuta u l-konvenuta m'humiex jaqblu mal-ammonti pendenti ghax jghidlu li ma kienux jinghataw ircevuta kull darba li jhalsu, kienu jhallu il-flus billi jitfghuhom fil-letter box u kien hemm ukoll zball ta' €400. Fil-fatt mill-ircevuti jirrizulta illi veru kien hemm zball ta' €400 izda din giet mnaqsa fl-ircevuta numru 60 u 61[2]. Doris tghid illi kienet thallas lil Carmen direttament qabel ma bdiet tiehu hsieb it-tifla ta' Carmen fl-2011 izda ma kinitx tinghata rcevuti. Jirrizulta li l-ftehiem sar bejn iz-zewg nisa li kienu gara u possibilment hbieb li ghal-ewwel ma riedux juru l-membri l-ohra tal-familja,sakemm fl-2008 Carmen kienet qalet lil ragel taghha Emanuel Galea. Mill-banda l-ohra it-Tribunal jsibha difficli jemmen li Emanuel Galea sar jaf bis-self fl-2008 u beda jinsisti ghal hlas fl-2011, wara tlett snin u mhux qabel. It-Tribunal jinsab mhasseb ukoll dwar il-pagamenti li kienu jsiru fix-xahar mit-tifel ta' Doris Cardona fl-ammont ta' €150 fix-xahar li ammontaw ghal €4200 meta inghata ircevuta ghal €1000 biss fl-ahhar xhur tal-2021 daqs li kienu ma sar ebda hlas fl-2019 u 2020. B'hekk minhabba fil-mod li kienu jinghataw l-ircevuti,kif ukoll id-dubju dwar pagamenti li setghu saru direttament lil Carmen Galea meta sar is-self, li seta' kien numru ta' snin qabel l-2008, it-Tribunal ser jaghzel li jemmen it-tezi illi l-ammont ta' €150 fix-xahar kien verament jithalla fil-*letter box* bejn kull xahar bejn l-2019 u 2021, li jammontaw ghal €4200 ghax id-dizgwit inqala hekk kif inghata l-ircevuti li skond hu ma kienux jirrifletti l-hlas li kien sar verament. Mill-ammont ta' €4200 ghandhom jitnaqsu l-ammont ta' €1000, li taghhom kien inghata ircevuti, b'hekk mill-bilanc ta €4,146 ser jintaqqas l-ammont ta' €3200.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-atturi ghal hlas ta' ammont pendenti, izda dan l-ammont qieghed jigi ridott ghal €956. Konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-atturi is-somma ta' disa'

---

[1] foll 29

[2] Foll 89 u 90

mija u sitta u hamsin euro, (€956), bl-imghaxijiet mid-data tat-talba sad-data tal-hlas effettiv u finali[3]. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu ¾ mill-atturi u ¼ mill-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[3] Id-data tal-ewwel att gudizzjarja fejn intalbet l-ammont dovut.